MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1626/1999/1

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Albert Micallef**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mitt liri Maltin u sebgha u erbghin centezmi (Lm400.47) bilanc ta‘ somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta’ mobile telephone u “airtime” ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mill-15 ta’ Ottubru 1996 sal-1 ta’ Marzu 1998.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-22 ta' Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm400.47,0 bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja msemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg